A.L. 276 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-Grad ta' Magister Juris in International Law - M. Jur.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

. 1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 tal-Kors għall-Grad ta' Magister Juris in International Law - M. Jur.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' tal-Liġi;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Magister Juris in International Law - M.Jur.; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad ta' Magister Juris in International Law - M. Jur.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2001 jew wara.

L-Eliġibilita' għall-Grad

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti regolari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita' u jissodisfaw il-kwalifiki meħtieġa għad-dħul fil-Kors stipulati fir-regolament 4;

(b) itemmu l-kors ta' l-istudji, jiksbu l-kredti kollha indikati fir-regolament 8 u jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfaw xi rekwiżiti oħra preskritti fi statuti, f'regolamenti u f'ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

4. (1) L-applikanti għad-dħul fil-Kors għandu jkollhom waħda mill-kwalifiki li ġejjin:

(a) il-grad ta' Doctor of Laws (LL.D.); jew

(b) il-grad ta' Bachelor fil-Liġi (B.A.) b'mill-anqas Kategorija II; jew

(ċ) kwalifiki ekwivalenti minn din l-Universita' jew universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan.

(2) F'ċirkostanzi xierqa, meta l-Bord ikun sodisfatt li l-kwalifiki ta' l-applikanti ma jurux evidenza ta' għarfien biżżejjed dwar l-International Law, hu jista' jimponi rekwiżiti oħra, fosthom jitlob li l-istudenti jsegwu programm ta' studju preparatorju u jgħaddu minn eżami ta' kwalifika, qabel ma jirreġistraw għall-Kors.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Kors

5. (1) L-applikanti għandhom japplikaw biex jirreġistraw għall-Kors fuq il-formola preskritta u fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

(2) Mad-dħul fil-Kors mgħallem u bir-riċerka, l-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jirreġistraw għal numru xieraq ta' taqsimiet studju, kif indikat fil-paragrafu (b) tar-regolament 8.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tnax-il xahar ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tiegħu fuq bażi *part-time*. Il-Bord jista' jestendi ż-żmien ta' l-istudji b'mhux aktar minn sitt xhur jew l-ekwivalenti tiegħu f'każ ta' studji fuq bażi *part-time*.

7. L-istudenti li jsegwu l-Kors fuq bażi *part-time* għandhom jirreġistraw fil-bidu ta' kull sena akkademika.

Il-Kors ta' l-Istudji

8. Il-Kors ikun offrut f'oqsma ta' studju fl-International Law, kif stabbilit mid-Dipartiment ta' l-International Law. Il-Kors jista' jkun offrut f'waħda jew fiż-żewġ modi ta' studju li ġejjin, skond ir-riżorsi li jkun hemm u n-numru ta' applikanti li jagħżlu l-mod ta' studju mgħallem u bir-riċerka:

(a) *Il-Mod ta' Studju bir-Riċerka:* il-kitba ta' dissertazzjoni kif stipulat fir-regolament 11, li għaliha huma assenjati 30 kredtu; jew

(b) *Il-Mod ta' Studju Mgħallem u bir-Riċerka:* numru ta' taqsimiet studju, li għalihom huma assenjati 10 kredti; u l-kitba ta' dissertazzjoni, li għaliha huma assenjati 20 kredtu.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

9. Fil-każ tal-mod ta' studju mgħallem u bir-riċerka, il-Bord għandu jħejji katalgu ta' taqsimiet studju għall-Kors. Il-katalgu għandu jindika l-kodiċi, it-titlu, u d-deskrizzjoni ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu għall-Kors qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Valutazzjoni u l-Progress fil-Mod ta' Studju Mgħallem u bir-Riċerka

10. (1) Il-kredti għandhom ikunu assenjati skond il-gradi li ġejjin li jibdew mill-ogħla grad: A, B, Ċ, u D. F tindika li wieħed weħel. Xogħol mhux komplut għal raġunijiet ġustifikati (mard, assenza approvata, eċċ.) għandu jkun indikat bl-ittra I. Fil-każijiet l-oħra kollha r-riżultati ta' taqsimiet studju mhux mitmuma għandhom jidhru bħala F.

(2) Il-gradi għat-taqsimiet studju għandhom iqisu l-livell ta' l-istudenti fix-xogħol matul il-kors u fl-eżamijiet bil-miktub, li jsiru jew fit-tmiem ta' taqsima studju jew fit-tmiem tat-tieni semestru. Biex jingħata l-grad globali għal taqsima studju, ix-xogħol matul il-kors għandu jingħata l-piż ta' 25% filwaqt li l-eżami bil-miktub għandu jingħata l-piż ta' 75%.

(3) L-istudenti li ma jgħaddux mill-eżami bil-miktub ta' taqsima studju, jew ta' numru ta' taqsimiet studju, jitħallew jagħmlu eżami/eżamijiet riparatorju/i darba biss fis-sessjoni ta' l-eżamijiet skedata li jmiss. F'dawn il-każijiet, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(4) L-istudenti li ma jiksbux minimu ta' sitt kredti fl-ewwel sessjoni jitqiesu li definitivament ma għaddewx. L-istudenti li ma jgħaddux minn xi eżami riparatorju jitqiesu li definitivament ma għaddewx, sakemm il-Bord, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ma jiddeċidix li jirrevedi l-każ.

Id-Dissertazzjoni

11. (1) It-tul tad-dissertazzjoni għandu jkun skond dan li ġej:

(a) *Il-Mod ta' Studju bir-Riċerka:* mhux itwal minn 50,000 kelma: u

(b) *Il-Mod ta' Studju Mgħallem u bir-Riċerka:* mhux itwal minn 30,000 kelma.

Is-suġġett għandu jkun propost mill-istudenti u approvat mill-Bord. Id-dissertazzjoni għandha tkun prova ta' riċerka indipendenti u li tagħti kontribuzzjoni oriġinali għas-suġġett.

(2) L-istudenti għandhom jippreżentaw proposta bil-miktub għad-dissertazzjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-bidu tas-sena akkademika li fiha se jtemmu l-Kors.

(3) Malli tiġi approvata l-proposta għad-dissertazzjoni, l-istudenti jiġu assenjati superviżur maħtur mill-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kap tad-Dipartiment ta' l-International Law.

(4) Id-dissertazzjoni għandha tiġi ppreżentata sa mhux aktar tard mit-tieni ġimgħa ta' Settembru. Il-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħti lill-istudenti estensjoni taż-żmien għall-preżentazzjoni tad-dissertazzjoni tagħhom ta' mhux aktar minn tliet xhur.

(5) Id-dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

(6) L-istudenti għandhom jippreżentaw tmien kopji tad-dissertazzjoni u jiddikjaraw bil-miktub illi d-dissertazzjoni hija x-xogħol tagħhom u li hija konformi mar-rekwiżiti mitluba fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

(7) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jiġi msejjaħ miċ-Chairman tiegħu sabiex jiddiskuti d-dissertazzjoni. L-istudenti jistgħu wkoll ikunu mitluba jagħmlu eżami *viva voce* sabiex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom.

(8) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' japprova d-dissertazzjoni. Il-Bord jista' jitlob lill-istudenti jagħmlu xi korrezzjonijiet jew jerġgħu jiktbu d-dissertazzzjoni mill-ġdid fi żmien stipulat jew jista' jirrifjuta d-dissertazzjoni kompletament.

(9) L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom tiġi rrifjutata jew li l-korrezzjonijiet tagħhom jew il-kitba mill-ġdid jitqiesu mhux tajbin biżżejjed jew li ma ppreżentawx id-dissertazzjoni tagħhom fiż-żmien mitlub ma jingħatawx il-Grad.

Il-Klassifikazzjoni u l-Għoti tal-Grad

12. (1) Il-grad finali ta' kull student għandu jqis il-grad miksub għad-dissertazzjoni jew il-gradi miksuba fit-taqsimiet studju kollha u għad-dissertazzjoni, skond kif ikun il-każ, li għandhom jingħataw il-piż skond in-numru ta' kredti assenjati lil kull wieħed minnhom.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

Gradi Konġunti

13. (1) Fejn l-Universita', bl-approvazzjoni tas-Senat, tikkonkludi ftehim ma' universita' barranija biex jagħtu l-Grad flimkien, il-kredti meħtieġa biex wieħed jikkwalifika għall-Grad jistgħu jittieħdu parti fl-Universita' u parti fl-universita' barranija kif provdut fi ftehim bħal dan.

(2) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi u l-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Grad għandhom, f'dawk il-każijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, jkunu magħmula skond id-deċiżjonijiet meħuda mill-korpi li jmexxu ż-żewġ istituzzjonijiet.

(3) Fil-każijiet li jaqgħu taħt dan ir-regolament il-Grad għandu jingħata f'ċertifikat wieħed maħruġ miż-żewġ universitajiet flimkien u l-konferiment tal-Grad għandu jsir f'waħda mill-universitajiet kif miftiehem bejniethom.